



Brussell, 12 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7383/19

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0343(NLE)

AVIATION 54
RELEX 248
USA 18

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	14012/16 AVIATION 222 RELEX 919 USA 60
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim li jemenda l-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili – Adozzjoni

1. Il-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea ("Ftehim BASA") ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2011.
2. Fil-25 ta' Settembru 2014, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti biex jiġi emendat il-Ftehim BASA. Il-ftehim li jemenda l-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili ("Emenda 1") joħloq il-possibbiltà li jkun hemm kooperazzjoni f'oqsma addizzjonali li ż-żewġ Partijiet iqisu reċiprokament mixtieqa.

¹ ĠU L 291, 9.11.2011, p. 3.

3. Fit-28 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Emenda 1 (14011/16 + ADD 1) u dwar il-konklużjoni tal-Emenda 1 (14012/16).
4. Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Emenda 1 fil-21 ta' Marzu 2017².
5. L-Emenda 1 ġiet iffirmata fit-13 ta' Diċembru 2017. Fl-istess data ġiet iffirmata wkoll dikjarazzjoni konġunta dwar l-awtentikazzjoni futura tal-verżjonijiet tal-Ftehim BASA u tal-Emenda 1 bil-lingwa Kroata (13550/17). Fis-16 ta' Jannar 2018, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Emenda 1³, flimkien mat-test tal-Emenda 1⁴, ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
6. Fis-16 ta' April 2018, il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Emenda 1 imsemmija hawn fuq tal-Ftehim BASA, kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti (dok. 7482/18), kif ukoll għat-test tal-Emenda 1.
7. Fit-13 ta' Diċembru 2018, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Emenda 1 tal-Ftehim BASA.
8. Bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni tal-Emenda 1, il-COREPER huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, kif jinsab fid-dokument 7482/18 tal-ġuristi-lingwisti.

² Dok. 6697/17 u 7236/17.

³ ĠU L 11, 16.1.2018, p. 1.

⁴ ĠU L 11, 16.1.2018, p. 3.